# IL-LEJL TAL-MILIED

*Il-lejla l-kwiekeb jerġgħu jiddu sbieħ,*
*U jerġgħu jinżlu l-anġli mis-smewwiet*
*Fi qtajja qtajja, jgħannu bla mistrieħ;*
*U terġa' tibki bħalma darba bkiet*
*Dik it-Tarbija, f'dak il-baħħ u l-ksieħ.*

*U jerġgħu jersqu bilġri lejn il-għar*
*Ir-ragħ'jja fqajra; w terġa' 'l hemm fil-bogħ'd*
*Tidher fis-sema l-kewkba tiddi ċar.*
*U tmexxi lit-tliet slaten 'l hawn bil-mod,*
*Biex joffru lil Ġesu' r-rigali kbar.*

*U jerġgħu qlubna jgħannu ferħanin*
*Mad-daqq tal-qniepen, li ma' kullimkien*
*Ixandru l-miġja fostna tal-Bambin;*
*U jerġgħu jinbtu fina f'dan iż-żmien*
*Xewqat ta' risq u hena tul is-snin.*

*O! mhux li jkun għalina dal-Milied*
*Il-bidu ta' ħajja isbaħ tul il-jiem*
*Għal din l-art tagħna, fejn id-dmugħ u l-għlied*
*Qegħdin isaltnu flok il-ferħ u s-sliem;*
*Jalla l-imħabba fost il-ġnus tiżdied!*

**PAWLU MIFSUD.**